31985D0507

22.11.1985 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 313/5

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL ta' l-4 ta' Novembru 1985 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Kwadru għal koperazzjoni xjentifika u teknika bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Konfederazzjoni Svizzera

(85/507/KEE, Euratom)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni,

Billi l-Ftehim Kwadru għal koperazzjoni xjentifika u teknika bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera għandu jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim Kwadru għal koperazzjoni xjentifika u teknika bejn il-Komunitajiet Ewropej u l- Konfederazzjoni Svizzera qed tiġi approvata permezz tal-preżenti f'isem il-Komunità Ekonomika Ewropea. It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id- Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu jagħti n-notifika msemmija fl-Artikolu 13 tal-Ftehim.

Magħmula fi Brussel, fl-4 ta' Novembru 1985.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

R. GOEBBELS